

Brussell, 12 ta' Mejju 2023
(OR. en)

8888/23

ENFOCUSTOM 50
ENFOPOL 217
JAI 547
COSI 77

NOTA PUNT "I/A"

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill
Nru. dok. preċ.: 8616/23	
Suġġett:	Abbozz ta' Riżoluzzjoni tal-Kunsill dwar il-kooperazzjoni doganali fil-qasam tal-infurzar tal-liġi u l-kontribut tagħha għas-sigurtà interna tal-UE – Approvazzjoni

1. Sabiex jiġu riflessi l-iżviluppi fil-qasam tas-sigurtà interna li seħħew fl-aħħar għaxar snin, il-Presidenza ddeċidiet li tħejji abbozz ta' Riżoluzzjoni tal-Kunsill dwar il-kooperazzjoni doganali fil-qasam tal-infurzar tal-liġi u l-kontribut tagħha għas-sigurtà interna tal-UE.
2. L-abbozz ta' Riżoluzzjoni tal-Kunsill jibni fuq ir-Riżoluzzjoni preċedenti tat-12 ta' Diċembru 2011 (2012/C 5/01) u jiddefinixxi erba' objettivi prinċipali li għandha timplimenta l-Istrateġija għall-kooperazzjoni doganali fil-qasam tal-infurzar tal-liġi u l-kontribut tagħha għas-sigurtà interna tal-UE (8617/23): 1) It-tisħiħ tal-kapaċità tal-awtoritajiet doganali li jiġġieldu l-kriminalità transfruntiera, 2) it-titjib fl-iskambju ta' informazzjoni (inkluż ma' awtoritajiet oħra tal-infurzar tal-liġi), 3) it-titjib tal-kooperazzjoni transfruntiera, inkluż operazzjonijiet konġunti u 4) it-titjib tal-intelligence u tal-analiżi tar-riskju u l-interoperabbiltà bejn is-sistemi ta' informazzjoni doganali u tal-ĠAI.

3. L-abbozz ta' R iżoluzzjoni tal-Kunsill ġie diskuss fil-Grupp ta' Ħidma dwar l-Infurzar tal-Li ġi - Dwana (LEWP-Dwana) fl-10 ta' Jannar, fit-8 ta' Marzu u fit-12 ta' April 2023 u peress li ma wasal l-ebda kumment sostanzjali fil-konsultazzjoni bil-miktub sussegwenti, ir-R iżoluzzjoni ġiet maqbula mil-LEWP-Dwana.
4. Fid-dawl ta' dan, il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti huwa mistieden jirrakkomanda li l-Kunsill japprova l-abbozz ta' R iżoluzzjoni tal-Kunsill dwar il-kooperazzjoni doganali fil-qasam tal-infurzar tal-li ġi u l-kontribut tagħha għas-sigurtà interna tal-UE, kif jinsab fid-dokument 8616/23.
